MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 353/2006

Kawza fil-lista: 3

**A sive B C**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, D E F u G F proprio, kif ukoll bhala kuratrici 'ad litem' nominata b' digriet tas-19 ta' Jannar 2007 biex tirrapprezenta lil minuri H**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi r-rikorrenti kellu relazzjoni intima mal-konvenuta G mart D E F ghal dawn l-ahhar snin, wara illi l-konvenuta G F ilha de facto separata minn zewgha D E F sa mill-1999;

2. Illi fit-23 ta' April 2006, il-konvenuta welldet tarbija bl-isem "H" li giet registrata fl-att tat-twelid numru 1780 tas-sena 2006 (skond ic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. A) bhala bint D E F a bazi tal-prezunzjoni mposta mill-Ligi peress illi ghad ma hemmx separazzjoni legali minn ma' zewgha D E F;

3. Illi fiz-zmien li t-tarbija H giet koncepita, kien hemm l-impossibilta' fizika li r-ragel D E F jghammar ma' martu G F, minhabba li hu kien boghod minnha, stante illi hija kienet ilha zmien tghix mar-rikorrenti B C, u ghalhekk D E F kien de facto mifrud minn martu skond l-artiklu 70(1)(a) u (b) tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bhala missier naturali tal-minuri H, r-rikorrent ghandu dritt li jigi rikonoxxut ufficjalment bhala missier it-tarbija fl-istatus civili ta' bintu;

Ghaldaqstant, l-attur qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-minuri H hija bint naturali tar-rikorrent B C kif hawn fuq spjegat;

2. Tordna li fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri numru 1780 tas-sena 2006 fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" jitnizzlu d-dettali "A sive B C (Sliema, Malta)".

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-riposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jehtieg illi r-rikorrent jippruva l-impossibilta’ fizika bejn il-konjugi u cioe bejn l-intimati G F u D E F.

3. Inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, ir-rikorrent ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu biex jekk it-talbiet tar-rikorrent jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. Inoltre, ir-rikorrent ghandu jitlob li jekk it-talbiet attrici jigu jintlaqghu, l-kliem “the said” ghandhom jigu kancellati mill-kolonna li tispecifika id-dettalji ta’ l-omm.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat in-nota n-nota ta’ ammissjoni prezentata mill-konvenuta G F li biha kkonfermat li, stante illi l-atti kollha esposti mill-attur huma veri, hija ma ghandhiex oggezzjoni ghat-talbiet ta’ l-attur, u thoss illi fl-interess tal-istess minuri, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha;

Rat li l-konvenut D E F debitament ingunt baqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Rat ir-rapport xjentifiku tat-testijiet tad-DNA konfermati mill-ixjenzjat Christopher Farrugia u l-ispizjara Marisa Cassar;

Rat l-Avviz ippubblikat skond l-artikolu 254 tal-Kap.16;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li t-tifla H li twieldet fit-23 ta’ April 2006, ghalkemm fl-Att tat-Twelid taghha numru 1780/06 tinsab registrata bhala t-tifla tal-konvenut D E F, fil-fatt hija l-wild naturali ta’ l-attur u mhux ta’ l-imsemmi konvenut.

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenuti F kienu sseparaw de facto fis-sena 1998, u minn dak in-nhar il’ quddiem qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi bejniethom. Ftit xhur wara, il-konvenuta G F ltaqet ma’ l-attur u eventwalment bdew jghixu flimkien. Wara hames snin jghixu flimkien, dawn iddecidew u ppjanaw li jkollhom tarbija, u konsegwentement fit-23 ta’ April 2006 twieldet l-imsemmija tifla.

Illi l-partijiet kollha jsostnu li t-tifla hija l-wild naturali ta’l-attur, u minn minbarra x-xhieda tal-partijiet, dan hu sostnut u konfermat defenittivamnet mir-rizultat tat-testijiet tad-DNA li saru, ghall-fini ta’ dawn il-proceduri, fuq samples mehuda minn fuq il-persuni ta’ l-attur, tal-minuri kif ukoll tal-konvenuta G F. Skond ir-rapport xjentifiku, konfermat mill-awturi tieghu, l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri H.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici,u tiddikjara li t-tifla H li twieldet fit-23 ta’ April 2006 hija l-bint naturali ta’ l-attur A sive B C, bin Antonio [haj] imwieled tas-Sliema u joqghod il-Gzira u li ghandhu l-karta ta’ l-identita’ bin-numru 323758M u li meta twieldet it-tifla huwa kellu 48 sena; u konsegwentement tordna d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 1780/06 billi jigu kancellati l-isem tal-konvenut D E F u l-konnotati tieghu, u minnflok, jigu nseriti l-isem ta’ l-attur Ao sive B C bil-konnotati tieghu; u jigu wkoll ikkancellati l-kliem “the said”.

L-ispejjez jkunu sopportati mill-attur u mill-konvenuta G F proprio, konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------